**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur David Saliba**
**V**

**MASSIMO CARUSO**

**Illum, 9 ta' Jannar, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MASSIMO CARUSO** ta’ tmienja w ghoxrin sena bin Antonio u Vera nee Spada, imwieled Sirakuza fi Sqallija nhar l-erbatax ta' Jannar, 1973 u joqghod 71, Mill Street, Zurrieq, detentur tal-karta tal-identita numru 22119A, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer f'dawn l-ahhar xhur u qabel t-tlieta w ghoxrin ta' Mejju, 2000 b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a. Fil-granet ta' qabel l-erbatax ta' Mejju, 2000 fis-Swieqi, matul il-gurnata kkommetta serq ta' diversi oggetti

elettronici li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin mill-fond 17, La Fontanella, Triq il-Gmiel, Swieqi ghad-dannu ta' Pierre Sansone, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-lok.

b. Talli is-sbatax ta' Mejju, 2000 f'San Giljan, matul il-gurnata kkommetta serq ta' microwave oven li l-valur tieghu jeccedi s-somma ta' mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin mill-fond numru 1, Triq il-Baltiku, San Giljan ghad-dannu ta' Agnes Micallef, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-lok.

c. Talli fl-ghoxrin ta' Mejju, 2000 f'Pembroke, matul il-gurnata kkommetta serq ta' diversi oggetti tad-deheb, flus u oggetti elettronici li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin mill-fond numru 96, 'Synaxis', Triq il-Mediterran, Pembroke ghad-dannu ta' Vincent Sammut, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-lok.

d. Talli fl-ghoxrin ta' Mejju, 2000 fis-Swieqi, matul il-gurnata kkommetta serq ta' diversi oggetti tad-deheb, flus u oggetti elettronici li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin mill-

fond 'Villa Helena', Triq id-Dris, Swieqi ghad-dannu ta' Paul Harrison, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-lok.

e. Talli fit-tnejn w ghoxrin ta' Mejju, 2000 f'San Gwann, matul il-gurnata kkommetta serq ta' camera tar-ritratti w oggetti ohra li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin mill-fond 'Kynama', Triq il-Mediterran, San Gwann ghad-dannu ta' Anthony Brooks, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-lok.

f. Talli fl-ghoxrin ta' Mejju, 2000 f'Pembroke, matul il-gurnata bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi pprova jidhol fil-fond sitwat gewwa 'Riablata', 566, Triq Gabriele Henin, Pembroke ghad-dannu ta' John Dimech.

g. Talli f'Mejju, 2000 fis-Swieqi, matul il-gurnata bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi pprova jidhol fil-fond sitwat gewwa Triq t-Tiben, Swieqi ghad-dannu tal-familja Abela.

h. Talli fl-istess zminijiet, hinijiet, dati u cirkostanzi, f'diversi okkazzjonijiet ghamel hsara jew gharraq hwejjeg

haddiehor, mobbli jew immobbli, fid-diversi residenzi hawn fuq imsemmija, liema hsara teccedi s-somma ta' hamsin lira maltin izda mhux aktar minn hames mitt lira maltin.

i. Tallli fl-istess zminijiet, hinijiet, dati u cirkostanzi f'Malta xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa liema oggetti gew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex jbieghhom jew jmexxihom.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fl-atti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Awissu, 2001 sabiex din  il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja f'nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat.

Rat il-verbal tal-Qorti tat-tlettax ta' Settembru, 2001 fejn l-imputat iddikjara li m'ghandhux oggezjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lil imputat jirrergistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif addebitati lilu u dan fi stadju bikri tal-proceduri u cioe sa mid-disgha w ghoxrin ta' Mejju, 2000 u fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif addebitati lilu.

Rat li l -imputat ghandu problema ta' droga u cioe l-vizzju mishut tat-tehid tad-droga, liema problema kienet akuta hafna fiz-zminijiet li gew kommessi r-reati addebitati lilu.

Dwar il-piena;

Il-Qorti kkonsidrata is-segwenti fatturi qabel ma ghaddiet biex taghti l-piena.

Fl-ewwel lok, l-imputat ghandu fedina penali nadifa minghajr ebda reat jew kontravenzjoni registrata fuqha, liema fedina penali tinsab inserita fl-atti odjerni a fol 10 markata bhala dokument CSH 1, u ghalhekk in linea mas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali datata sbatax ta' Lulju, 1989*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Paul Camilleri et**, l-imputat ghandu jitqies bhala *a first time offender*.

Fit-tieni lok, l-ammissjoni bikrija tal-imputat ghall-akkuzi kollha, stante li din l-ammissjoni ghenet biex l-kaz jigi deciz kemm jista jkun malajr u minghajr spejjes inutili ghall-erarju pubbliku.

Fit-tielet lok, l-imputat ghamel tajjeb ghad-danni sofferti minn terzi persuni u li kkumpenshom b'manjera monetarja billi ghadda l-flejjes involuti ghal tali risarciment lil Ufficjal Prosekutur.

Fir-raba lok, l-imputat kkolobora bis-shih mal-Prosekuzzjoni tant li anke awtorizza lil diversi nies tul il-proceduri odjerni jirtiraw parti mir-res furtiva dovuta lilhom esibita f'dawn l-atti.

Jirrizulta wkoll u anke waqt ir-rilaxx tal-istqarrija tieghu esibtita a fol 25 tal-atti markata bhala dokument CSH, li l-imputat kkolobora bis-shih.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi, il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Awissu, 2001, tiddikjara li qed tikkundanna lil imputat MASSIMO CARUSO b'mod komplessiv ghal piena karcerarja ta' sentejn sospizi ghal erbgha snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjiegat fi kliem car t-tifsira ta' din s-sentenza lil imputat u x'jigri f'kaz li jonqos li josservha.

**Oltre dan ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggi lil imputat MASSIMO CARUSO taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin u ghal dan l-ghan qed tinnomina lil Probation Officer Carmen Borg sabiex tiehu hsieb l-imputat.**

**L-imputat probationer ghandu jsegwi dejjem l-ordnijiet moghtija mill-Probation Officer Carmen Borg li minn naha taghha ghandha tirrelata lura lil din il-Qorti kull sitt xhur dwar l-andament tal-imputat.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**